MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 187/2006

**Dimitilla sive Stella Falzon**
**vs**
**Diane u David Al Jolsi u b'digreit tas-16 ta' Mejju, 2006, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi isem-il konvenuta jitnizzel « Dorianne k/a Doreen » minflok Diane**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Marzu, 2006, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u erbghin lira Maltija (Lm740.00), salvi l-imghaxijiet fuqhom sad-data ta' l-effettiv pagament.**
**Din is-somma hija bilanc minn somma ta' elf u seba' mitt lira (Lm1700) li l-konvenuti sselfu brevi manu minghand l-attrici.**
**Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-24 t'April, 2006, fejn intqal li t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici u dan peress illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-ammont mitlub mhux dovut, peress illi l-ammont li l-konvenuti sselfu minghand l-attrici thallas kollu kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Doreen Al Jolsi, David Al Jolsi, Rose Grioli, Domitilla Falzon, Ahmed Al Jolsi, Stephen Grioli, Marisa Grioli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-attrici qed tilob bilanc ta' hlas ta' flus mislufa lill-konvenuti. Il-konvenuti qed jeccepixxu l-pagament.**

**2. Jirrizulta li kien sar ftehim ta' self datat 29 ta' Ottubru, 2004, fejn il-konvenuti sselfu s-somma ta' elf u seba' mitt lira (Lm1700) li jithallsu mitt lira fix-xahar piu ghoxrin lira imghax fuq kull mitt lira. Ma hemmx dubbju li dan il-ftehim kien imur kontra l-ligi, ghax l-ammont ta' imghax mitlub kien eccessiv, u jirrispekkja sitwazzjoni li mhix kompetenza ta' dan it-Tribunal li jidhol fiha.**

**3. Skond il-ktieb tar-ricevuti Dok.X, jirrizulta li l-konvenuti kienu fil-fatt hallsu disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960.00). Ghalhekk qed jintalab il-bilanc ta' seba' mija u erbghin lira (Lm740.00).**

**4. Il-konvenuta Doreen Al Jolsi tghid li s-self kien ta' seba' mitt lira (Lm700.00) u li d-differenza kien imghax. Meta iffirmat ma inghatatx kopja, u lanqas ma kienet tinghata ricevuta ma kull pagament li jsir. Fil-fatt tghid ukoll li gieli hallsu mija u sebghin lira minflok mija u ghohxrin lira, u dana kien jsehh erba' darbiet fis-sena. Il-konvenuta esebiet bhala Dok.DA1 il-pagamenti li kienet teffettwa. Il-konvenut jikkonferma dak li qalet marthu. Jirrizulta li l-ahhar pagamenti saru permezz tal-Avukat ittri a fol 22 u 23.**

**5. Is-sistema tal-pagament kienet illi l-konvenuta thalli l-flus ghand ommha, Rose Grioli, u huwha jmur jigborhom u jwassalhom lill-konvenuta. Stephen**

**Grioli jikkonferma li ohtu, il-konvenuta, kienet iccempillu biex jinzel ghall-pagament u fil-fatt kien jigbor dan. Stephen Grioli pero` jikkonferma l-ammont indikati fil-ktieb tal-attrici.**

**6. Marisa Grioli, bint l-attrici u mart Stephen Grioli, tikkonferma li kienu jinzlu bil-pagamenti, u li dawn huma dawk li gew iffirmati skond kif jidher fil-ktieb.**

**7. Jirrizulta li l-pagamenti li saru tramite l-Avukati kienu jammontaw ghall mitejn u erbghin lira (Lm240.00).**

**8. Fic-cirkostanzi it-Tribunal hu soddisfatt illi l-attrici kienet intenzjonata li tapprofitta mill-konvenuti fuq ir-rata tal-imghax, jirrizulta li fil-fatt il-konvenuti hallsu l-ammont kollu dovut, u li l-ahhar ammont imhallas fis-6 ta' Frar, 2006 (fol.23) kien « in full and final settlement ». Fuq dawn l-ammonti ta' mitejn u erbghin lira kien sar « stop payment »**

**9. Ghalhekk it-Tribunal qed iqies li dan huwa l-unika ammont li ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltija, bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**
**Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu a karigu tal-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------